# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.3

**Kap 4: Nilqgħu l-aqwa ħabib**

**Lezzjoni 4.3: Ċelebrazzjoni – 'Grazzi'**

**L-Għanijiet:**




Matul din il-lezzjoni t-tfal ser:

1. Jiftakru fl-istorja tal-għaxar imġiddmin.
2. Jitgħallmu kemm huwa importanti li nirringrazzjaw lil Ġesú.
3. Jiktbu talba biex jirringrazzjaw lil Alla.
4. Ikantaw id-diska 'Grazzi' sabiex jirringrazzjaw lil Alla:
   http://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- L-istorja tal-għaxar imġiddmin - http://biblelessonsite.org/slideshow57.html

jew

http://www.youtube.com/watch?v=GVBZHz8oRp0

- talba: 'Grazzi'
  http://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal dawn il-mistoqsijiet:
  - X'tgħid meta xi ħadd jagħtik xi ħaġa speċjali?
  - X'tgħid meta xi ħadd jagħmel xi ħaġa biex jarak ferħan/a?
  - X'tgħid meta xi ħadd jagħmel xi ħaġa biex jurik kemm iħobbok?
  - Ġieli nsejt tgħid 'grazzi' lil xi ħadd?
- Spjega li matul il-lezzjoni ser jiftakru fl-istorja ta' dawk in-nies li nsew jirringrazzjaw lil Ġesù imma kien hemm raġel speċjali li ftakar.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Iftaħ is-sit fejn hemm l-istorja u rrakkonta l-istorja dwar kull stampa. Jekk ser tuża l-vidjow clip irrakkonta l-istorja waqt li għaddej il-vidjow.
2. Wara l-istorja erġa' staqsi dawn il-mistoqsijiet:
   - Kif taħsbu li ħassu Ġesù meta raġel wieħed biss minn għaxra rringrazzjah?
   - Għaliex taħseb li għandna ngħidu 'grazzi'?
   - Taħsbu li Ġesù jieħu gost meta ngħidulu 'grazzi'?
3. Wara li jisimgħu l-istorja agħżel ħdax-il tifel/tifla (10 imġiddmin + Ġesù) biex jirreċtaw l-istorja u jifhmu aħjar l-istorja li jkunu għadhom kemm semgħu.
4. Attività Addizzjonali: Spjega lit-tfal li wara li tgħallmu li għandna dejjem nirringrazzjaw lil Ġesù ta' dak kollu li jagħmel magħna, ser jilagħbu logħba 'Musical Chairs' – min ma jsibx siġġu jrid jgħid 'grazzi' lil Ġesù (eż talli huwa b'saħħtu, talli għandu l-ġenituri, għall-ambjent eċċ).

6. Fl-aħħar tal-lezzjoni agħti karta bajda lit-tfal fejn iridu jiktbu u jpinġu dwar l-affarijiet li jridu jirringrazzjaw lil Ġesù għalihom.Wara tista' ddendel il-karti fil-klassi jew tifforma ktejjeb bihom.
7. Bħala konklużjoni jistgħu jkantaw il-poeżija 'grazzi' minn You Tube (kliem Ċelebrazzjoni) - http://www.youtube.com/watch?v=674MqVS6f6M

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Għandna dejjem nirringrazzjaw lil Ġesù ta' dak kollu li jagħmel għalina.
2. Il-Bibbja tgħallimna li għandna dejjem nirringrazzjaw lil Ġesù f'kull sitwazzjoni.




**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**

1. It-tfal ikollhom sens ta' ringrazzjament lejn Ġesù tal-affarijiet tajbin li għandhom. Jersqu lejh biex jitolbuh biex itejbu l-affarijiet negattivi.
2. Japprezzaw li Ġesù jieħu gost meta ngħidulu 'Grazzi'.
3. Jifhmu, bil-mod tagħhom, kemm huwa importanti li jgħidu dejjem 'grazzi' lil kulħadd sabiex juru apprezzament.



**Niċċelebraw flimkien**

**Grazzi**




Grazzi ta' din il-għodwa ġdida,

Grazzi ta' dan il-jum sabiħ,

Grazzi ngħid jien lil Alla tiegħi kollox minnu ġej!

Grazzi ta' ħbiebi u ħuti kollha,

Grazzi talli tħobb lill-bnedmin,

Grazzi talli ħajjin iżżommna flimkien magħqudin!

**Nitolbu**

Mulej, grazzi tal-affarijiet sbieħ li għandna. Għinna sabiex dejjem niftakru nużaw il-kelma 'grazzi' u niftakru li dak kollu li huwa tajjeb ġej mingħandek.

Grazzi Mulej.